**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**KALKARA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**It-9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15/25**

18 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**15.25.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

15.25.1.1 Ma kienx hemm.

**15.25.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

15.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 15.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

15.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Vincent Bongailas u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 15.25 ġew approvati unanimament.

15.25.2.3 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**15.25.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku ser jirreferi għal din il-materja matul il-Kommunikazzjoni mis-Sindku.

12.25.4.2 **Studju dwar l-Impatt Soċjali Kkummisjonat mill-Kunsill Reġjonali (*Open Libraries*)**

Fl-10 ta' Diċembru 2025, waqt Jum il-Kalkara, il-Kunsill bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-iskola tal-Primarja tal-Kalkara inawguraw l-erbgħa *open libraries* fil-Kalkara. L-attivita` ttellagħet fi Ġnien Rinella. Is-Sindku flimkien mas-Sa Sultana qed iħeġġu l-pubbliku biex jagħmel użu minn dawn l-*open libraries*.

13.25.4.4 **Jum il-Kalkara**

Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċerimonja ta' Jum il-Kalkara u ddeskriviha bħala waħda relattivament qasira li matulha ngħata ir-rikonoxximent ta' Ġie il-Kalkara, is-Sur Joseph Pisani għas-sehem u l-kontribuzzjoni tiegħu fil-kommunita' Kalkariża. Matul iċ-ċerimonja ġew mfakkra dawn il-persuni li tilfu ħajjithom matul it-Tieni Ġwerra Dinjija li kienu residenti l-Kalkara.

Il-Kunsill ser jingħata rendikont tal-infieq ta' din l-attivita' fil-laqgħa ta' Jannar 2026.

14.25.4.3 **Fondi Għal Skema tal-Milied**

Kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn kien ibbenefika minn fondi ta' € 20,000. Bħalissa għaddej il-proċess ta' ħlasijiet lil kull fornitur li

provida xi tip ta' servizz in konnessjoni mal-attivita` tal-Milied ġewwa l-Kalkara organizzata mill-Kunsill Lokali.

14.25.4.5 **Proposta mill-NGO, Generation Change**

Matul dawn l-aħħar ġranet, is-Sindku rċieva korrispondenza mingħand l-NGO, Generation Change b'ritratti tax-xogħol li qed isir fil-maħżen fuq il-*Playboat* li ser tiġi nsallata fi Ġnien is-Salvatur.

Hemm pjanat li f'Jannar li ġej, din il-*Playboat* ser iġibuha f'dan il-Ġnien biex ikomplu x-xogħolijiet fuqha u għalhekk il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jinstalla barrieri ta' sigurezza fuq il-post.

13.25.4.4 **PA/07152/25 – Permess biex Jiżdied l-Użu ta' Stabbiliment Għal Sala ta' Tiġijiet**

Is-Sindku nforma li l-Perit tal-Kunsill issottometta l-oġġezzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar fuq il-permess maqbul mill-Kunsill.

**15.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku flimkien mal-Perit tal-Kunsill kellhom laqgħa mat-Test of Reasonable Board (TORB) li jaqa' taħt ir-responsabilita` tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` għal rigward id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali relatata ma' Trejqet iċ-Ċimiterju.

Quddiem dan il-Bord, is-Sindku ressaq l-argument li sal-lum, ebda ilment ma' tressaq minn xi persuna b'diżabilita` dwar l-aċċessibilita ta' din it-triq kkonċernata li tagħti għall-Ġnien Rnella tant li l-Kunsill kien qiegħed japplika biex itejjeb il-pavimentar tagħha. Huwa żied jgħid li l-Ġnien kien abbandunat u nfetaħ għall-pubbliku bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni fejn l-istess Kummissjoni kienet konxja tal-passaġġ in kwistjoni iżda dakinhar ma saret ebda oġġezzjoni.

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Perit tal-Kunsill kienu sorpriżi bid-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni. Għalhekk il-Kunsill appella d-deċiżjoni u talbu laqgħa malt-TORB, fejn ġie spjegat il-pożizzjoni tal-Kunsill bil-fatti minflokk bl-użu ta' dokumentazzjoni waħedhom.

Fl-20 ta' Jannar 2026, il-Kunsill għandu laqgħa mal-Awtorita` tal-Ippjanar fuq il-permess li ssottometta l-Kunsill għall-permess biex il-Kunsill jipproċedi bl-*upgrade* ta' din it-triq. Filfrattemp, il-Perit ser jerġa' jirrivedi l-pjanti mil-lat tekniku u jgħaddihom lit-TORB qabel ma jkun hemm il-laqgħa quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar. F'każ li l-Perit ma jlaħħaqx jagħmel dan, huwa ser jitlob posponiment tal-laqgħa.

Għal rigward tas-sejħja pubblika permess ta' *tender* għar-restorazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fl-istess trejqa, irriżulta li kien hemm *bidder* wieħed fejn l-ammont eċċeda sew mill-istima tal-Kunsill. Għalhekk, il-Kunsill ma jistax japprova t-*tender* bi prezz ogħla mill-istima peress li kien sar *budget* għall-

proġett fl-intier tiegħu u ma jistax jiġi jinqabeż l-ammont li kien stmat għall-għar-restorazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ.

F'dawl ta' dan, il-Kunsill unanimament qabel li l-bidder li t-*tender* ser jaqa' u l-Kunsill ser jipproċedi bil-proċess għall-sejħa ta' kwotazzjonijiet.

15.25.4.1 **Sena Kulturali 2026**

Is-sena 2026, ser tkun is-Sena Kulturali tar-Reġjun Port fejn b'sodisfazzjoni, il-Kunsill tal-Kalkara flimkien mar-Reġjun Port ser jinawguraw il-Ftuħ Uffiċjali ġewwa l-Kalkara nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar 2026. Il-Kalkara ntgħażel minn fost il-lokalitajiet kollha li jaqgħu taħt ir-reġjun Port. Dakinhar għal 11.45am ser ikun hemm ċerimonja qasira organizzata mir-Reġjun Port bħala l-ftuħ tas-Sena Kulturali 2026 u tiġi nawgurata plakka għal din l-okażżjoni. Ir-Reġjun ser ikun qiegħed joffri fondi ta' €1,200 bl-għan li jintużaw għall-baned tal-lokali biex joffru s-servizz tagħhom bejn il-11am u l-12pm matul iċ-ċerimonja.

Dakinhar stess, ser jiġi ospitat il-program *Bongu Malta* li jixxandar fuq it-TVM bejn it-8.15am u 1pm b'kollegament dirett mill-Pjazza tax-Xatt tal-Kalkara.

Is-Sindku ried jiċċara li dawn ser ikunu żewġ attivitajiet differenti minn xulxin. Huwa żied jgħid li bħalissa qiegħed jikkomunika mad-Direttur Artistiku tal-program sabiex jamalgamaw ċertu affarijiet flimkien. Madanakollu, il-Kunsill m'għandu ebda seta' fuq l-aġenda tal-programm *Bongu Malta* iżda talab li jkun hemm il-preżenza tal-Kunsill. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-Sena Kulturali 2026 ser issir ġewwa Villa Bighi fis-1pm u li ser tiġi mxandra live mill-programm *Bongu Malta*. Is-Sindku ser ikun qiegħed jagħmel id-diskors tiegħu.

Ġimgħa qabel li l-program *Bongu Malta*, il-Viċi Sindku, s-Sa Speranza sejra fil-lokalita` fejn ser ikun qiegħed jixxandar il-program u ser tingħata kukkarda li tissimbolizza l-lokalita` li fejn ser ikun ser isir il-program li jmiss.

15.25.4.2 **Festa Ċitru**

Is-Sindku ressaq ix-xewqa tiegħu li terġa' tiġi organizzata Festa Ċitru 2026 ġewwa Misraħ Arċisqof Gonzi. Huwa ppropona li din l-attivita` ssir il-Ħadd 25 ta' Jannar minflok il-Ħadd ta' qabel peress li ser ikun hemm l-attivita` Festa Ċitru organizzata mill-President ta' Malta kif ukoll ser jintrema *tower crane* faċċata tal-monument tal-Papa.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-ġurnata li ppropona s-Sindku.

15.25.4.3 **Xogħolijiet ta' Manutenzjoni fil-Kunsill**

Kif wieħed jista' jinnota, is-Sindku rrimarka illi fil-Kunsill qed isiru xi xogħolijiet fejn ġie mibni ħajt diviżorju bil-*gypsum* fl-uffiċċju tas-Sindku. Dan sabiex jiġi mmassimiżat l-użu tal-uffiċini.

**15.25.5 Korrispondenza**

12.25.5.1 **Kwisitjoni Dwar il-Fatturi Pendenti dwar il-Ġbir ta' Skart**

Wara d-diskussjoni dwar id-diskrepanzi fit-tunellati tal-iskart matul is-sena 2024, il-Kunsill ħejja ittra li ser tintbagħat lir-Reġjun Port fejn qiegħed jitlob reviżjoni tal-fatturi ta' tlett xhur partikolari matul is-sena 2024.

15.25.5.2 ***Perfomance Bonus* tal-Ħaddiema tal-Kunsill**

Il-Kunsill iddiskuta l-ħidma ta' matul is-sena tal-impjegati tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill illi l-*perfromance bonus* tal-istess impjegati jingħata l-massimu tal-*performance bonus* wara li ġie kkonfermat illi matul is-sena kull impjegat tal-almu tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

**15.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

15.25.6.1 Is-Sa Chircop talbet sabiex il-Kunsill bida japprova l-ispejjeż dwar xiri ta' *nibbles* għal waqt is-sessjonijiet li jsiru għall-anzjani fil-Ċentru Kommunita` Attiva.

Il-Kunsill unanimament qabel mat-talba tas-Sa Chircop.

Is-Sa Maria Sultana

15.25.6.2 Is-Sa Sultana faħħret il-parteċipazzjoni tal-istudenti tal-iskola matul Jum il-Kalara fejn saret quddiesa u wara marru jinawguraw l-*Open Libraries* f'Ġnien Rnella.

B'żieda ma' dak li qalet Sa Sultana, is-Sindku apprezza l-interess qawwi tal-istess studenti meta jagħmlu l-mistoqsijiet lis-Sindku. Kien hemm student partikolari li ssuġerixxa jsir *zipline* fil-Kalkara, oħrajn semmew li jkun hawn *dog park.*

Is-Sindku flimkien mas-Sa Sultana ringrazzaw is-servizz tal-van tal-Kunsill talli ħa ħsieb jwassal lit-tfal tal-iskola f'Jum il-Kalkara.

15.25.6.3 Is-Sa Sultana fakkret li l-għada tal-laqgħa tal-Kunsill ser ikun hemm il-Purċissjoni tal-Bambin mit-tfal.

Is-Sur Vincent Bongailas

Ma kienx hemm.

Is-Sur Christopher Bruno

Ma kienx hemm.

**15.25.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**15.25.8** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

Ma kienx hemm.

**15.25.9** **Mozzjonijiet**

15.25.9.1 Is-Sur Christopher Bruno u s-sekondata mis-Sa Speranza Chircop issuġerew li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tibda fl-4pm.

Il-Kunsill unanimament qabel mat-talba.

**15.25.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

Is-Sindku rringrazzja l-Kunsill u l-ħaddiema għall-ħidma tagħhom tul is-sena kollha.

**15.25.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-5.25pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2025, fil-4.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**